MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 1418/2001/1

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**v.**

**Ivan Formosa u b'digriet tal-21 ta' Ottubru, 2002**
**Paul E. Formosa, gie mahtur kuratur tal-istess**
**Ivan Formosa li jinsab assenti minn Malta**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Paul E. Formosa nomine tal-1 ta' Marzu 2010 li permezz tieghu talab li hu, bhala kuratur tal-

assenti ibnu Ivan Formosa, jigi ammess ghall-beneficcju tal-cautio iuratoria;

Rat l-Artikolu 904 tal-Kap. 12;

Rat il-verbali kemm tal-15 ta’ Marzu 2010 kif ukoll tal-lum;

Tosserva fl-ewwel lok li qabel ma Paul E. Formosa accetta li jkun kuratur ta’ ibnu huwa kellu jassigura li jkollu a disposizzjoni tieghu l-mezzi mehtiega ghall-prosegwiment tal-kawza, anke fi stadju ta’ appell;

Tosserva inoltre li l-imsemmi Paul E. Formosa llum baqa’ ma deherx u ma pprezenta ebda certifikat mediku biex jiggustifika l-assenza tieghu; anqas saret fi zmien utili xi talba ghal differiment permezz ta’ rikors;

Tosserva wkoll li r-rikors tal-1 ta’ Marzu 2010 ma hux guramentat, u ghalhekk, fl-assenza (ghat-tieni darba) tar-rikorrent Paul E. Formosa, il-Qorti tara li ma giex sodisfacentement pruvat li l-appellant nomine u anqas Ivan Formosa m’ghandhomx mezzi sufficjenti biex tigi depozitata l-kawtela;

Konsegwentement tichad it-talba kif migjuba fir-rikors imsemmi tal-1 ta’ Marzu, 2010.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------